TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1333

KAZ NRU. 1661

Fit-Tilwima tax-Xoghol
bejn
Malta Air Traffic Services L:imited
u
General Workers' Union
u
Union Haddiema Maghqudin

dwar talba tal-G.W.U. ghal rikonoxximent esklussiv ghall-iskopijiet ta' "collective bargaining".

Data : 16 ta' Settembru 2002

CHAIRMAN : Is-Sur George Borg Cardona

MEMBRI : Is-Sur George Agius

Is-Sur Michael J. Mallia

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ghall-Politika Socjali b'itttra datata 21 ta' Mejju 2002 b'referenza MSP/2/97/57 – 547/02 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 27 (3) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal sema' s-sottomissjonijiet tal-partijiet fil-5 ta' Awissu 2002.

Malta Air Traffic Services Limited (MATS), aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata mill-Avukat Andrew Borg Cardona, il-General Workers' Union, aktar il-quddiem tissejjah "GWU" mis-Sur Emmanuel Micallef u l-Union Haddiema Maghqudin, aktar il-quddiem tissejjah "UHM", mis-Sur Joe Grillo.

Il-GWU qed titlob gharfien esklussiv ghal skopijiet ta' "collective bargaining" waqt li l-UHM qed toggezzjona li jinghata gharfien lil xi Union qabel ma jitwettaq dak li kellu jsehh skond il-ftehim tas-27 ta' Marzu 2000. Il-Kumpanija ddikjarat li ma tridx tiehu xi decizjoni favur jew kontra Union jew ohra u li tirremetti ruhha ghad-decizjoni tat-Tribunal.

## L-ISFOND TAL-KAZ

F'Mejju 1998 numru ta' haddiema gew sekondati mid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili (DAC) u mill-Forzi Armati ta' Malta (FAM) biex jaghmlu servizz mal-Malta International Airport plc (MIA) skond ftehim mal-GWU u l-UHM.

Fis-27 ta' Marzu 2000 kien miftiehem **bejn iz-zewg Unions u l-MIA** li flimkien il-Unions jaghmlu negozjati mal-Management biex jigi konkluz Ftehim Kollettiv li kellu jkun validu sal-31 ta' Dicembru 2000. Meta dan jigi ffirmat il-haddiema kellhom jaghzlu, fi zmien xahrejn, jekk isirux impjegati tal-MIA jew jergghu lura mal-Gvern (DAC u FAM). Qabel ma jiskadi l-ftehim kollettiv **il-haddiema tal-MIA** kellhom jinghataw l-opportunita li jaghzlu dik il-Union li jkunu jridu tirrapprezenthom f'negozjar ghal Ftehim Kollettiv gdid.

F'dan il-ftehim gie dikjarat li ebda wahda mill-Unions ma kienet qed tirrinunzja ghad-drittijiet taghha li johorgu mill-ligi.

Fil-fatt il-Ftehim Kollettiv bejn MIA u GWU/UHM gie iffirmat fis-19 ta' Dicembru 2001 u kien biss wara din id-data li, skond il-Ftehim tas-27 ta' Marzu 2000, **il-haddiema tal-MIA** setghu jezercitaw l-ghazla ta' liema Union ikunu jridu tirrapprezenthom ghan-negozjar ta' ftehim kollettiv gdid.

Izda gara li fis-27 ta' Marzu 2001, jigifieri anke qabel ma gie ffirmat l-Ftehim Kollettiv, il-Gvern ifforma kumpanija gdida, l-Malta Air Traffic Services Limited (MATS), li fiha kellhom jigu trasferiti numru minn dawk il-haddiema li originarjament kien il-hsieb li jsiru mpjegati tal-MIA. Il-Unions gew infurmati ufficjalment b'dan l-izvilupp fil-15 ta' Novembru 2001, jigifieri madwar xahar qabel ma gie iffirmat il-Ftehim Kollettiv.

## KONSIDERAZZJONIJIET

Skond il-Ftehim tas-27 ta Marzu 2000 **il-haddiema tal-MIA kellhom jinghataw l-opportunita jaghzlu liema Union ikunu jridu li tirrapprezenthom** wara li jsiru certi proceduri kif miftiehem bejn iz-zewg Unions. Fil-fatt il-Ftehim Kollettiv gie negozjat bejn iz-zewg Unions u iffirmat fis-19 ta' Dicembru 2001 u minn dik id-data l-quddiem kellhom jsehhu il-proceduri biex **"il- haddiema tal-MIA"** jaghmlu l-ghazliet skond il-Ftehim.

Izda kien hemm bidla sostanzjali li effettwat il-Ftehim. Il-Gvern iddecieda li jifforma kumpanija gdida, l-MATS, u li numru mill-haddiema li originarjament kellhom jsiru mpjegati tal-MIA issa kellhom isiru mpjegati tal-MATS. Din id-decizjoni hada l-Gvern, mhux il-firmatarji tal-Ftehim, u ma kienetx prevista meta sar il-Ftehim li kien intiz biex ikopri l-interessi ta' haddiema li kienu se jsiru mpjegati tal-MIA u mhux ta' xi kumpanija ohra. Il-Ftehim kellu, u ghadu, japplika ghall-haddiema li saru, jew se jsiru, **mpjegati tal-MIA.** Il-bidla qajmet il-kwistjoni jekk il-Ftehim kellux jigi applikat ghal dawk il-haddiema **li ma kienux se jkunu mpjegati tal-MIA izda ta' kumpanija li ma kienetx tezisti meta sar il-Ftehim u ghalhekk ma tissemiex f'tali ftehim.**

Minhabba din il-bidla l-GWU, li ssostni li l-maggoranza ta' dawk li se jigu trasferiti mal-MATS huma membri taghha, talbet li dawn ma jkunux koperti bil-Ftehim Kollettiv mal-MIA izda jaghmlu ftehim mal-Kumpanija gdida li kienu sejrin maghha. Dan gie accettat mill-MIA.

**DECIZJONI**

Il-ligi taghti d-dritt lil haddiema li jkunu rapprezentati minn Union f'azjenda fejn ikunu mpjegati. It-Tribunal Industrijali f'diversi decizjonijiet iddikjara li haddiemna ghandhom id-dritt li jkunu rapprezentati b'dak il-mod li l-aktar jista jissalvagwardja l-interessi taghhom.

F'dan il-kaz il-Ftehim tas-27 ta' Marzu 2000 kien intiz specifikament biex ikopri l-interessi ta' haddiema li kienu se jsiru mpjegati tal-MIA u mhux ta' xi azjenda ohra u b'ebda mod ma seta' jorbot bil-fors lil haddiema li kienu se jigu mpjegati ma kumpanija li la ssemmiet f'tali ftehim u anqas biss kienet tezizti meta sar. Barra minn hekk ma hemm ebda dubju li l-interessi tal-haddiema li se jigu mpjegati mal-MATS ikunu salvagwardjati ahjar bi Ftehim Kollettiv milhuq bejn l-Union li tirrapprezenthom u l-kumpanija li se timpjeghom.

Ghalhekk it-Tribunal jiddeciedi li l-Kumpanija ghandha tati rikonoxximent ghal skopijiet ta' "collective bargaining" mill-aktar fis-possibbli lil dik il-Union li ghandha bhala membri l-maggoranza tal-haddiema fil-gradi in kwistjoni.

B 'hekk itemm din it-Tilwima tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

George Agius
Membru

Michael J. Mallia
Membru

Emma Muscat
A/Segretarja